**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-2 ta' Diċembru 2010 — Il-Kummissjoni vs Il-Portugall**

**(Kawża C-526/09)**

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Ambjent — Direttiva 91/271/KEE — Trattament tal-ilma urban mormi — Artikolu 11(1) u (2) — Ħruġ tal-ilma industrijali mormi fis-sistemi ta' ġbir u fl-istazzjonijiet ta' purifikazzjoni tal-ilma urban mormi — Issuġġettar għal leġiżlazzjoni diġà fis-seħħ u/jew għal awtorizzazzjonijiet speċifiċi — Nuqqas ta' awtorizzazzjoni"

1. *Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Prova tan-nuqqas — Oneru li jaqa' fuq il-Kummissjoni — Produzzjoni ta' provi li juru n-nuqqas — Ċaħda li taqa' fuq l-Istat Membru inkwistjoni (Artikolu 258 TFUE; Direttiva tal-Kunsill 91/271, Artikolu 11(1) u (2)) (ara l-punti 21, 22, 32)*

2. *Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Eżami tal-mertu mill-Qorti tal-Ġustizzja — Sitwazzjoni li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni — Sitwazzjoni fl-iskadenza tat-terminu stabbilit mill-opinjoni motivata (Artikolu 258 TFUE; Direttiva tal-Kunsill 91/271, Artikolu 11(1) u (2)) (ara l-punti 24, 25)*

**Suġġett**

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu - Ksur tal-Artikolu 11(1) u (2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE, tal-21 ta' Mejju 1991, dwar it-trattament tal-ilma urban mormi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 26) - Liċenzja għall-ħruġ ta' ilma mormi - "Estação de Serviço Sobritos".

**Dispożittiv**

1) Billi ppermettiet il-ħruġ tal-ilma industrijali mormi tas-sit industrijali ta' Estação de Serviço Sobritos, Lda li tinsab fiż-żona urbana ta' Matosinhos, fin-nuqqas ta' awtorizzazzjoni adegwata maħruġa f'dan ir-rigward, ir-Repubblika Portugiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 11(1) u (2)

tad-Direttiva tal-Kunsill 91/721/KEE, tal-21 ta' Mejju 1991, dwar it-trattament tal-ilma urban mormi.

2) Ir-Repubblika Portugiża hija kkundannata għall-ispejjeż.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tat-2 ta' Diċembru 2010 — Il-Kummissjoni vs Il-Greċja**

**(Kawża C-534/09)**

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2008/1/KE — Prevenzjoni u tnaqqis tat-tniġġis — Kundizzjonijiet għall-għoti ta' permessi għal installazzjonijiet eżistenti"

**Suġġett**

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu - Ksur tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2008/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Jannar 2008, dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis (ĠU L 24. p. 8) - Kundizzjonijiet għall-għoti ta' permessi għal installazzjonijiet eżistenti - Obbligu li jiġi żgurat li tali installazzjonijiet jintużaw skont il-ħtiġiet tad-direttiva.

**Dispożittiv**

1) Billi li ma ħaditx il-miżuri neċessarji sabiex tiżgura li l-awtoritajiet kompetenti josservaw, permezz ta' permessi mogħtija skont l-Artikoli 6 u 8 tad-Direttiva 2008/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Jannar 2008, dwar